TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 9/13-F

**Joan Mary Agius**

**vs**

**Joseph Grima eżerċenti fil-kummerċ taħt l-isem Country Flowers**

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tmienja w għoxrin ewro (€28), rappreżentanti prezz ta' važun li kif qabditu f'idha dan il-važun inkiser.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat važun għall-prezz ta' tmienja w għoxrin ewro (€28), u meta ġiet biex tgħolli l-važun biex tnaddaf taħtu, l-qiegħ waqa' ma' l-art u l-kumplament ġie f'idha.

L-intimat issottometta li l-važun inbiegħ tajjeb u li ma kellu l-ebda difett, u li probabli l-važun kien qala' xi daqqa biex inkiser hekk.

It-Tribunal, mhuwiex konvint illi l-važun kellu xi difetti jew xi problemi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

Avv Martin Fenech
Arbitru